Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 405/2014

Il-Pulizja

Assistent Kummissarju Norbert Ciappara

Vs

Joseph Camilleri

Illum 31 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 434884M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-16 ta' April, 2002 u l-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

2. U aktar talli nhar is-16 ta' April, 2002 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, kellu fil-pusess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kinx awtorizzat li kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat; u 40(b) u 102A; u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

4. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, kellu minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kelu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati, dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-9 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti sabithu hati tal-ewwel akkuza.

Daqstant hati, kemm ex admissis (stqarrija) tal-pussess semplici ta' cannabis u tal-pussess semplici ta' medicina specifikata u psikotropika, u minn dak li rrizulta mit-tfittxija, u dan wara li rat id-Disposizzjonijiet tar-4 u 8 Taqsima tal-Ordinanza, illum Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u r-Regolament 8 tar-Regoli tas-sena 1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Drogi Perikoluzi (GN 292/1939); LS 10 Regola 9; l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 22(1), 22(1B), 22 (2)(b), 8(a) – ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; ukoll ir-Regolament 5 tal-Avviz Legali 22/1985; LS 31.18; ukoll l-Artikolu 40(b) u 120A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabithu hati wkoll talli kellu fil-pussess tieghu minghajr awtorita' legali biljett ta' flus ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) foloz, u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta, u anke wara li rat ir-relazzjoni ta' Dr Martin Bajada, u semghet ix-xhud tal-Bank Centrali li xehed kif premess, anke minn kif kienet tinhass l-istess nota tal-flus, illi allura timplika anke xjenza tal-falsita'. Dan jinghad ukoll wara li l-Qorti nnifisha hasset b'idejha l-istess karta, u tenut kont l-uzu komuni tan-nota tal-Lira Maltija fil-hajja gurnaljiera qabel il-qalba ghall-Ewro.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat, ukoll dik aggornata;

Ikkunsidrat ukoll il-progress li tant sahhu fuqu tas-Sedqa u l-Ufficjal tal-Probation, u l-progress illi ghamel ghax anke l-ahhar sentenza kontrieh tidher illi tikkoncerna reati tas-sena 2000;

Ikundannatu ghal piena karcerarja ta' sena(1) u tlitt(3) xhur, stante l-progress kbir li jidher li ghamel l-imputat'

Tikkundannatu ukoll ghal multa ta' tliet elef Ewro (€3,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannatu ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal erba' mija sitta u erbghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€446.78).

Ordnat wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KB 14.2003.

Ordnat li n-nota tal-ghaxar liri Maltin falza tinghata lil Bank Centrali ta' Malta sabiex jiddisponi mill-istess.

Rat ir-rikors tal-appell ta Joseph Camilleri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar it-tieni akkuza (pussess ta' cannabis), dwar il-pussess tal-ghaxar liri li kienu foloz u tirriformaha dwar it-tielet akkuza, pussess ta' medicinali, billi ssibu mhux hati taghha u tilliberah minnha u tirriformaha dwar l-ewwel akkuza billi tirrevokaha kompletament jew in sub ordine twaqqaghha ghal-pussess semplici ghal uzu personali u ghaldaqstant tibdel il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Joseph Camilleri esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

1. Dwar il-posizzjoni legali dwar l-istqarrijiet:

   Bir-rispett kollu lejn il-Qorti Kostituzzjonali u s-sentenzi msemmija mill-istess Qorti tal-Magistrati, u cioe' d-decizjonijiet moghtija fejn ammissjoni titqies ammissibbli mehuda minghajr assistenza legali jekk jigu ezaminati certi kriterji bhal fedina penali, eta ta' interrogat u kollox jiddependi fuq il-vulnerabbilita' tal-investigat, hija totalment zbaljata u tmur kontra l-ahhar gurisprudenza tal-Qorti

Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem. Jidher illi l-Qrati taghna wehlu mas-sentenza Salduz fil-parti fejn issemmi l-vulnerabbilita' u hadu dak il-kriterju biex jiddistingwu bejn min hu vulnerabbli u min m'huwiex.

Fil-kaz Navone and others vs Monaco deciza fl-24 ta' Jannar, 2014 il-Qorti Ewropea kienet iddecidiet fuq il-kaz ta' tlieta min-nies illi kellhom tletin sena li kienu akkuzati b'serq u ghamlu dikjarazzjonijiet minghajr l-assistenza ta' avukat. F'dan il-kaz il-Qorti Ewropea (fis-sentenza bil-franciz) bl-ebda mod ma dahlet fuq kriterji ta' vulnerabbilita u ddikjarat li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni marbut mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Sadanittant il-Qorti Kostituzzjonali naturalment se tkompli fuq il-vulnerabbilita'.

Sentenza ohra illi saret finali fit-13 ta' Gunju, 2014 hija ta' Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine. L-applikant twieled fl-1981 u kien gie arrestat fis-sena 2002, meta certament ma kienx minuri. Hija l-gurisprudenza l-aktar ricenti bhala sentenza Aleksand Vladimirovich Smirnov vs Ukraine li saret finali fit-13 ta' Gunju, 2014, fejn kien hemm ukoll Imhallef Malti, li ghandha tigi segwita. Fl-ebda parti minn din is-sentenza ma saret xi referenza ghal-vulnerabbilita' imma dak il-principju tad-dritt ta' Avukat japplika ghal kwalunkwe persuna.

Ghalhekk l-istqarrija mehudha minghajr assistenza tal-avukat ma kienitx ammissibli, u jekk tigi kkunsidrata ma jkunx hemm fair trial.

Dwar il-cannabis li kienet fuq il-bank tal-kcina hu ammetta li kienet tieghu. Dwar l-involviment iehor u dwar il-mizien ma ghamel l-ebda stqarrija jew ammissjoni. Ta' min jghid hawnhekk illi dwar il-mizien l-Espert tal-Qorti lanqas sab l-ebda tracca.

Ghalhekk l-istqarrija tieghu ma kienitx kostituzzjonalment ammissibli ghax kienet kolha kemm hi in vjolazzjoni tal-Artikolu 6(3)(c) b'referenza ghal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

2. Dwar il-pussess aggravat.

Ma hemm l-ebda prova univoka li dik il-landa tal-helu li fiha nstabu boroz li kien hemm fihom l-eroina necessarjament kienu ta' Joseph Camilleri. Fid-dar ma kienx joqghod wahdu. Ma sar l-ebda ezami ta' fingerprints fuq il-boroz li kienu hemmhekk u allura seta' jigi stabbilit li dawk il-boroz kien ibghabas fihom hu jew imisshom hu.

Ma jistax wiehed jghdi illi ghaliex Joseph Camilleri jaccetta li kien jiehu d-droga allura kellu l-pussess ukoll u, in oltre, ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu. Bizzejjed jinghad li r-raguni tghidlek li jekk wiehed juza xi haga u jkollu l-pussess taghha dan ghaliex effettivament ikun vittma taghha u mhux ghaliex huwa se jaqbad u jghaddieha lil haddiehor. Hawnhekk hi awla tal-provi bhal ma hija kull awla ohra u jekk ma jkunx hemm provi univoci ma jistax persuna tinstab hatja fuq suppozizzjonijiet jew, aghar, fuq suspetti li jista' jkollha l-prosekuzzjoni.

Lanqas jista' jigi affermat f'dan il-kaz illi kienet tieghu. Diga' sar accenn ghal kwistjoni tal-finger princts kemm fuq il-landa fuq barra u kemm fuq il-boroz tal-plastic. Jekk fl-istess dar ma jkunx joqghod wahdu, allura mhux necessarjament hemm il-prezunzjoni illi hija tieghu. L-ebda persuna ohra li kienet tghix fid-dar ma kienet giet investigata.

Barra minn hekk, ir-raid li kien sar, lanqas kien sar fil-prezenza tieghu. Kien sar meta ntefa' d-dawl fid-daru u dahlu l-Pulizija u hu da parti tieghu ma kienx hemm u setghu ghalhekk jikkontestawlu fil-prezenza tieghu l-oggetti li gie allegat li sabu hemmhekk.

Il-Pulizija stess jghidu li s-search sar fil-prezenza tal-mara tal-imputat Susan Camilleri.

Illi f'kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef Dr. Victor Caruana Colombo) il-Pulizija vs Paul Fenech, kien hemm allegazzjoni ta' serq u illi hgieg imfarrak kien instab fuq il-qalziet tal-mara u fuq il-qalziet tar-ragel. Kien tqabbad espert, Dr. Anthony Abela Medici, li kien qal li l-hgieg kien jaqbel mal-hgieg tal-post fejn saret is-serqa u l-hgieg waqa' minn fuq il-qalziet tar-raghel ghal fuq il jeans tal-mara. Konsegwentement l-ewwel Qorti kienet illiberat lil mara. Meta sar l-appell, illi fi zmien qasir l-Avukat sottoskritt ma rnexxilux isibha pero'

jiftakarha, l-Imhallef Caruana Colombo kien fis-sentenza ghamel il-mistoqsija u 'ghala bl-istess argument ma jistax ikun illi l-hgieg minn fuq il-qalziet tal-mara gie fuq il-qalziet tar-ragel?'

Mhux presunt li certu reati jkunu tal-irgiel biss.

Bla pregudizzju ghal dak li ntqall dwar il-prova jekk kienitx tieghu jew le, hija mportanti wkoll li x-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud illi qal li ma sabx tracci ta' sustanzi llegali fuq il-mizien. Dan kellu relevanza enormi ghaliex min ikollu l-hsieb li jghaddi d-droga lil haddiehor stante l-prezzijiet taghha mhuwiex se jbieghha jew jghaddieha bl-uzin fuq ghajnejh. Jekk tqum aktar mid-deheb w allura jkun hemm attenzjoni ghal kull nitfa ta' gramma illi se tkun tinghata, is-soluzzjoni kien il-mizien.

Lanqas l-ammont ta' erbgha w erbghin gramma ka kien xi ammonta eccessiv ghaliex skond ir-relazzjoni li ghamel l-istess spizjar kienu jqumu mitejn u disgha u erbghin Liri Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu u din kienet biss ta' purita ta' 35%.

Ta min isemmi wkoll illi din id-droga nstabet taht is-saqaf, ma nstabitx f'xi karozza ta' Joseph Camilleri qed isur biha l'hawn u l'hemm.

Ma ngiebet l-ebda prova li kien hemm xi nies dehlin u hergin. Gie allegat li kien hemm pitazz bin-numri tat-telefon u dan il-pitazz qatt ma gie esebit u lanqas hemm fotografija tieghu l-Qorti skartatu. Bhal dan il-pitazz wara kollox wiehed jista' jisb fi kwalunkwe dar illi jzommu certu numri ta' nies li jkunu jafu u li jkollhom bzonn icemplu ta' spiss.

Ghaldaqstant, kemm legalment u kemm bhala provi ma jirrizultax sodisfacentement illi d-droga eroina kienet (1) fl-ewel lok fil-pussess tieghu kienet tieghu u (2) ma kienitx intiza esklussivament ghal uzu tieghu. Jekk ma kienitx univokament tieghu lanqas jista' jinghad li ma kienitx ghall-uzu tieghu. Dawn il-problemi ta' logika u ligi trid issolvihom il-prosekuzzjoni u mhux id-difiza.

Il-fatt ukoll tas-sorpriza tal-bidla mill-istat ta' abbuz li kien hemm fl-imputat, huwa kollu argument illi jekk il-qorti tkun sodisfatta li dik id-droga kienet fil-pussess univoku tieghu biss, allura kienet kompatibbli wkoll mal-uzu personali

tieghu. Ghax jekk wiehed ikun qieghed b'certu vizzju, huwiex tax-xorb, hiwex tat-tipjip jew tad-droga, jekk ikun qieghed mghobbi b'xi wiehed minn dawn il-vizzji mhux se joqghod jixtri bil-ftit imma jkollu kwantita' storjata, imma xorta wahda tibqa' ghal uzu personali tieghu.

3. Dwar il-pilloli

Dwar il-pilloli li nstabu dawk kien medicinali li dwarhom kellu r-ricetta u kien gabhom effettivament mill-Isptar.

4. Dwar il-piena

Telghu diversi xhieda fosthom Marietta Lanzon, Victoria Scicluna, Ray Grech u sahansitra l-Assistent Kummissarju Norbert Ciappara illi kollha ddikjaraw x'bidla ghamel Joseph Camilleri li kienu jafuh bil-problema kbira li kellu.

Il-bidla illi saret fih itteihdet in konsiderazzjoni pero' bir-rispett kollu ma kienx bizzejjed li wara dan iz-zmien kollu l-esponenti wara tnax il-sena jsib ruh f'sitwazzjoni li eventwalment se jkollu kundanna.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell huwa dirett biss lejn is-sejbien ta' htija ghall-ewwel u it-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti billi l-appellanti mhuwiex qieghed jikkontesta l-pussess tal-cannabis u tal-karta ta' Lm10 falza. Issa fir-rigward tal-aggravvju marbut mal-ewwel imputazzjoni jishaq illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi imressqa quddiemha meta sabitu hati tal-pussess aggravat tad-droga erojina. Dan ghaliex b'mod ewlieni id-droga instabet fir-residenza tieghu meta huwa ma kienx prezenti meta saret it-tittxija u ukoll billi huwa ma ighix wahdu f'din ir-residenza u allura ma kienx hemm prova sal-grad rikjest fil-kamp penali illi din id-droga kienet tappartjeni lilu u mhux lil persuna li kienet tabita hemmhekk mieghu, u cioe' il-mara tieghu Susan Camilleri. Oltre dan fil-fehma tieghu jekk jirrizulta illi dik id-droga kienet tieghu, il-provi cirkostanzjali l-ohra ma kenux jippuntaw lejn il-pussess aggravat. Illi anke ghar-rigward tal-pilloli li instabu huwa jikkontendi illi kellu ricetta li tawtorizza l-pussess u l-konsum taghhom.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Dan ghaliex l-aggravvju migjub 'il quddiem mill-appellanti essenzjalment idur madwar dan l-apprezzament u jekk il-fatti li ingiebu a konjizzjoni tal-Qorti kenux jaqghu fid-definizzjoni tal-pussess semplici kif ukoll aggravat stabbilita fil-ligi. Issa fl-apprezzament li trid necessarjament taghmel din il-Qorti, trid tigi imwarrba bhala prova l-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti mal-arrest tieghu, liema stqarrija l-Ewwel Qorti haditha in konsiderazzjoni meta ghaddiet biex taghti l-motivazzjonijiet li wassluha ghar-reita'. Dan in vista tad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti tal-25 ta' Frar 2016.

Issa mill-atti probatorji irrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. Fid-dar fejn jirrisjedi l-appellanti flimkien mal-mara tieghu Susan Camilleri instabet id-droga cannabis fl-ammont ta' kwazi 8 grammi flimkien ma' xi zerriegha, 44.226 grammi erojina u ammont ta' pilloli *Lorazepam* u dan kif deskritt fir-rapport ta'l-espert l-ispizjar Mario Mifsud.

2. L-appellanti ma kienx prezenti meta saret it-tfittxija fir-residenza tieghu, izda kien hemm prezenti martu Susan Camilleri. Huwa wasal id-dar meta it-tfittxija kienet qed issir.

3. Fuq il-persuna tieghu instabu l-ammont ta' Lm49.

4. Il-valur tad-droga erojina misjuba tlahhaq l-ammont ta' Lm2491.25.

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

5. L-appellanti kellu problema serja ta' abbuz ta' droga. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Vicky Scicluna li issostni illi huwa kien jabbuza mid-droga kokajina u mhux erojina.
6. Jigi elevat mizien elettroniku li madanakollu fuqu ma jinsabu l-ebda tracci ta'droga, u l-appellanti ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar il-pussess ta'l-istess.

Issa huwa minnu, kif tikkontendi id-difiza illi id-droga instabet fir-residenza ta'l-appellanti fil-presenza ta' martu Susan Camilleri. L-appellanti allura jikkontendi illi gjaldarba l-Prosekuzzjoni ma gabitx prova illi huwa kien jirrispjedi f'dan il-fond wahdu, allura l-Ewwel Qorti ma setatx tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi dik id-droga kienet tappartjeni lilu u mhux lil martu Susan li kienet tabita mieghu. Mela fil-fehma tieghu il-Prosekuzzjoni lanqas irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi huwa kien fil-pussess ta' dik id-droga u allura wisq anqas setghet timputa fil-konfront tieghu ir-reat tal-pussess aggravat.

Issa ezaminati l-atti mill-gdid, din id-darba minghajr ma ittiehed kont ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti kif inghad, ghandu johrog illi l-appellanti kien bniedem li kien jabbuza mid-droga. Dan johrog mix-xhieda ta' Vicky Scicluna rapprezentant tas-Sedqa, li tikkontendi illi l-appellanti kiena jabbuza mill-cannabis u d-droga kokajina u dan fiz-zmien ta'l-arrest tieghu. Tghid illi l-mara tieghu Susan kienet ta' support kbir ghalih sabiex tghinu johorg minn dan il-vizzju. Jirrizulta ukoll illi id-droga instabet fil-fond Blokk B/2, Binja Nigret, Zurrieq fis-16 ta' April 2002, u cioe' fl-indirizz fejn ighix l-appellanti. Ma jidhirx illi meta id-droga instabet fir-residenza ta'l-appellanti martu kienet giet mitkellma mill-pulizija ghajr illi meta mistoqsija mill-pulizija investigattiva jekk hemmx xi haga illegali fid-dar hija twiegeb fin-negattiv. L-appellanti ma jixhidx u ma jikkontestax il-fatt illi fil-fond fejn instabet id-droga huwa kien jirrisjedi. Di piu' gie stabbilit illi huwa kien midhla tad-dinja tad-droga billi kien *heavy user* kemm tal-cananbis kif ukoll tal-kokajina. Illi allura fil-fehma tal-Qorti, s-semplici fatt li nstabet id-droga ghand l-appellanti, kienu ta' min

kienu dawk l-oggetti, jekk l-appellanti kien jaf li dawk kienu oggetti konnessi mad-droga, b'dana kollu volontarjament zammhom fil-pussess tieghu, allura, jikkonfigura r-reat tal-pussess. Fuq kollox il-pussess fil-kaz tad-droga ma ifissirx biss il-pussess fiziku u cioe' illi dik id-droga tkun giet misjuba fuq il-persuna tas-suspettat. Jekk dik id-droga tinstab f'postijiet li jigi ippruvat li jkunu taht il-kontroll tieghu, bhal vettura jew fond ta' abitazzjoni allura jikkonfigura r-reat tal-pussess. Issa f'dan il-kaz l-appellanti ma iressaq l-ebda prova li tista' b'xi mod tinduci lil din il-Qorti temmen illi d-droga li instabet fid-dar tieghu setghet kienet ta' martu u li hu ma kien jaf xejn dwarha. Il-provi anzi jindikaw xort'ohra u cioe' illi kien l-appellanti li kien midhla tad-dinja tad-droga f'dik ir-residenza u mhux martu u li hu kellu problema serja ta' abbuz ta' droga u allura huwa indubitat illi kien ben konxju tal-presenza ta' dik id-droga fir-residenza tieghu u volontarjament zammha fil-pussess tieghu. Fuq kollox l-appellanti fl-ebda hin ma ipponta subajgh lejn martu tul is-snin twal li damu ghaddejjin dawn il-proceduri penali fil-konfront tieghu, hlief fl-argumenti finali imqanqla mid-difensur tieghu. U ben konxju ta'l-akkuzi li qed jiffaccja ma iressaq l-ebda prova biex isostni l-allegazzjoni tieghu imqar sal-grad tal-probabbli. L-appellanti qieghed biss jallega w jippresuponi izda ma jirnexxielux jipprova imqarr sal-grad tal-probabbli jew li jnissel id-dubbju ragjonevoli f'dak li tikkontendi l-Prosekuzzjoni u cioe' illi d-droga li instabet kienet fil-pussess tieghu billi kienet fir-residenza tieghu li kienet taqa' taht il-kontroll tieghu. Issa jekk l-Prosekuzzjoni ma ressqitx akkuzi simili fil-konfront ta' martu ukoll, billi dik id-droga instabet ukoll fil-pussess taghha billi dik kienet ir-residenza taghha ukoll, allura dan kien nuqqas tal-Prosekuzzjoni li certament ma jezonerax lill-appellanti mir-responsabbilta penali.

Stabbilit allura illi r-reat tal-pussess tad-droga fl-appellanti jirrizulta ippruvat, jifdal biex jigi mistharreg jekk l-Ewwel Qorti setatx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni illi dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati u dan biss fejn jirrigwarda id-droga erojina. Illi skartata l-istqarrija tieghu, l-appellanti jishaq illi ma hemm l-ebda prova ohra fl-atti li tista' teskludi illi dik id-droga ma kenitx ghal uzu tieghu stante illi huwa kien bniedem li kellu problema serja ta' abbuz ta' droga. Issa fil-pussess ta'l-appellanti instab ammont xejn negligibbli ta' droga erojina u dan f'piz

ta' 44.226 grammi. Illi ghalkemm gie stabbilit mill-provi illi l-appellanti kellu problema serja ta' droga u sahansitra segwa, fortunatament b'success, programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, madanakollu gie stabbilit ukoll illi huwa ma kienx jabbuza mill-erojina, izda mill-cannabis u l-aktar mid-droga kokajina. Dan allura necessarjament jindika illi l-ammont ta' ,madwar 45 gramma erojina ma setax kien qed jinzamm fil-pussess ta'l-appellanti ghall-uzu personali tieghu. Huwa dan li trid tipprova il-Prosekuzzjoni. Ma hemmx ghalfejn illi jkun hemm prova ta'l-intenzjoni ta'l-ispacc, ghaliex f'dan ir-reat huwa bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova illi l-ammont ta' droga li jinstab ma jistax ikun ghall-uzu esklussiv ta'l-akkuzat sabiex tigi stabbilita ir-reita'. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Illi l-appellanti jishaq ukoll illi l-pilloli li instabu fil-pussess tieghu u li huma ikkontrollati fil-ligi kienu ghandu b'mod legali billi huwa kellu ricetta ghaldaqstant. Illi dan l-aggravvju jirrazenta l-fieragh u dan fid-dawl ta' dak stabbilit fl-artikolu 121A(1) tal-Kap.31 li jiddisponi car u tond illi:

*"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

Illi l-appellanti ghalkemm jaghmel kontinwament serje ta' allegazzjoni fosthom f'dan il-kaz illi huwa kellu ir-ricetta ghal pilloli li instabu fil-pussess tieghu, madanakollu ma iressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward, prova li f'dan il-kaz kienet tispetta lilu u mhux lill-Prosekuzzjoni. Kwindi fin-nuqqas ta' tali prova dan l-aggravvju ukoll qed jigi michud.

Jifdal biex jigi ikkunsidrat l-aggravvju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' dik ta' sena u tlett xhur prigunerija u multa ta' €3000. Illi l-appellanti jilmenta

illi din il-piena hija wahda eccessiva u dan meta jirrizulta mill-atti illi illum huwa bniedem reformat u allura tkun ingustizzja illi ghall-akkuzi li jirrisalu ghal hmistax-il sena ilu huwa irid jiffaccja l-inkarcerazzjoni.

Illi qabel xejn irid jigi rilevat illi meta giet biex teroga l-piena fuq l-appellanti l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni il-bidla kbira li saret f'hajjet l-appellanti fejn illum huwa tbieghed mid-droga u ghandu hajja stabbli. Dan madanakollu ma jistax jezonerah mir-responsabbiltajiet penali tieghu. L-appellanti gie misjub hati ta' serje ta' reati mhux biss dawk marbuta mal-pussess illegali u aggravat ta' droga u medicina ohra minghajr id-debita licenzja, izda anke ta' reat tal-pussess ta' karta tal-flus falza. Di piu' huwa minnu illi l-akkuzi jirrisalu ghas-sena 2002 u li l-proceduri f'dan il-kaz twalu kemmxejn, madanakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghal dan jahti f'parti kbira l-appellanti stess li ha tmien snin biex jikkonkludi l-provi tieghu bil-prosekuzzjoni taghlaq l-provi taghha fit-08 ta' Marzu 2006 u l-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-difiza ghall-iktar minn darba biex tressaq il-provi taghha. Il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet taqa' sew fil-parametri tal-ligi, u anzi tqarreb lejn il-minimu preskritt. Ghaldaqstant anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur